

Digriet Nru 2024-316 dwar l-indiċi tad-durabbiltà ta' tagħmir elettriku u elettroniku

NOR: TRED2329205D

ELI: <https://www.legifrance.gouv.fr/eli/decret/2024/4/5/TRED2329205D/jo/texte>

Alias: <https://www.legifrance.gouv.fr/eli/decret/2024/4/5/2024-316/jo/texte>

JORF Nru 0082 tas-7 ta' April 2024

Test Nru 21

Udjenza fil-mira: il-produtturi, l-importaturi, id-distributuri jew fornituri oħra ta' tagħmir elettriku u elettroniku, il-bejjiegħa ta' dan it-tagħmir, u dawk li jużaw sit web, pjattaforma jew kwalunkwe mezz ta' distribuzzjoni online ieħor bħala parti mill-attività kummerċjali tagħhom fi Franza.

Suġġett: ir-regoli ta' implimentazzjoni tal-indiċi tad-durabbiltà ddefinit fl-Artikolu L. 541-9-2 tal-Kodiċi Ambjentali.

Dħul fis-seħħ: it-test għandu jidħol fis-seħħ l-għada li jiġi ppubblikat.

Avviż: id-Digriet jiddefinixxi r-regoli ta' implimentazzjoni tal-Artikolu L. 541-9-2 tal-Kodiċi Ambjentali, li jipprevedi l-introduzzjoni ta' indiċi tad-durabbiltà għal ċerti kategoriji ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Għandu jispeċifika b'mod partikolari l-kriterji u l-parametri tal-kalkolu użat biex jiġi stabbilit dan l-indiċi, kif ukoll il-qafas ġenerali tal-obbligi relatati mal-komunikazzjoni u l-wiri tiegħu.

Referenzi: id-Digriet jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit web ta' Légifrance (<https://www.legifrance.gouv.fr>).

Il-Prim Ministru,

Fuq ir-rapport tal-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali u tal-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, flimkien man-Notifiki Nru 2023/477-481/FR mibgħuta lill-Kummissjoni Ewropea fit-2 ta' Awwissu 2023 u t-tweġibiet għalihom tas-27 ta' Ottubru 2023 u tal-5 ta' Frar 2024;

Wara li kkunsidrat il-Kodiċi Ambjentali, b'mod partikolari l-Artikoli L. 541-9-1, L. 541-9-2, L. 541-9-4 u L. 541-9-4-1;

Wara li kkunsidrat il-Kodiċi tar-Relazzjonijiet bejn il-Pubbliku u l-Amministrazzjoni, b'mod partikolari l-Ktieb III tiegħu;

Wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet li saru matul il-konsultazzjoni pubblika li saret bejn il-5 ta' Settembru u t-13 ta' Ottubru 2023, skont l-Artikolu L. 123-19-1 tal-Kodiċi Ambjentali;

Wara li kkonsultat lill-Kunsill tal-Istat (it-Taqsima tax-Xogħlijiet Pubbliċi),

Tordna:

Artikolu 1

Fit-Titolu IV tal-Ktieb V tal-Kapitolu I tat-Taqsima 9 tal-Parti Regulatorja tal-Kodiċi Ambjentali, tiżdied subtaqsima 2 kif ġej:

“ Subtaqsima 2

“Wiri tal-indiċi tad-durabbiltà applikabbli għat-tagħmir elettriku u elettroniku

“ Artikolu R. 541-215.-Din is-subtaqsima tapplika għall-kategoriji ta’ tagħmir elettriku u elettroniku ġdid definiti b’ordni tal-Ministri responsabbli għall-ambjent u l-ekonomija.

“ Artikolu R. 541-216.-L-indiċi tad-durabbiltà stabbilit mill-produtturi jew mill-importaturi skont II tal-Artikolu L. 541-9-2 għandu jikkonsisti f’punteġġ stabbilit, għal kull mudell ta’ tagħmir, f’konformità mal-proċeduri stabbiliti hawn taħt. Dan il-punteġġ jingiebb għall-attenzjoni tal-konsumaturi fil-mument li jixtru tagħmir ġdid.

“ L-indiċi tad-durabbiltà għandu jissostitwixxi l-indiċi tat-tiswija previst fl-I tal-Artikolu L. 541-9-2, mid-dħul fis-seħħ tal-obbligi tal-indiċi tad-durabbiltà għall-kategorija tat-tagħmir rilevanti.

“ Artikolu R 541-217.- Għall-finijiet ta’ din is-subtaqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

“1. “Tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq”: kull provvista, matul attività kummerċjali, ta’ tagħmir maħsub għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq nazzjonali, kemm bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas;

“2. “Tqegħid fis-suq”: l-ewwel darba li t-tagħmir isir disponibbli fis-suq nazzjonali;

“3. “Produttur”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura t-tagħmir jew li tara li dan jiġi ddisinjat u kkummerċjalizzat f’isimha jew taħt id-ditta tagħha;

“4. “Importatur”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed tagħmir fis-suq nazzjonali mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew minn pajjiżi terzi;

“5. “Distributtur”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, minbarra l-produttur jew l-importatur, li toffri tagħmir għall-bejgħ fis-suq domestiku;

“6. “Bejjiegħ”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, matul attività kummerċjali, tagħmel disponibbli fis-suq it-tagħmir permezz tal-bejgħ, inkluż mill-bogħod, lill-konsumaturi;

“7. “Bejgħ mill-bogħod”: kuntratt konkluż mill-bogħod bejn bejjiegħ professjonali u konsumatur, fil-kuntest ta’ sistema ta’ bejgħ organizzat, mingħajr il-preżenza fiżika simultanja tal-professjonist u l-konsumatur, bl-użu esklużiv ta’ teknika waħda jew aktar ta’ komunikazzjoni mill-bogħod sakemm jiġi konkluż il-kuntratt;

“8. “ Mudell”: verżjoni ta’ biċċa tagħmir, li l-unitajiet kollha tagħha għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-indiċi tad-durabbiltà;

“9. “Mudelli ekwivalenti”: grupp ta’ mudelli li għandu l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għall-iskop tat-test ta’ affidabbiltà li għandu jitwettaq, u li jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz mill-istess manifattur, importatur jew tqegħid fis-suq ieħor bħala mudell ieħor b’referenza ta’ mudell ieħor.

“ Artioklu R. 541-218.-I.- Il-produtturi jew l-importaturi għandhom jistabbilixxu, għal

kull mudell tat-tagħmir li jqiegħdu fis-suq, l-indiċi tad-durabbiltà u l-parametri li permezz tagħhom jista' jiġi stabbilit f'konformità mal-proċeduri speċifikati b'ordni tal-Ministri responsabbli għall-Ambjent u għall-Ekonomija.

“II.- Il-produtturi jew l-importaturi għandhom jikkomunikaw f'format elettroniku u mingħajr ħlas lid-distributuri jew lill-bejjieġha fil-mument tal-elenkar u tal-kunsinna tat-tagħmir, għal kull mudell ta' tagħmir imqiegħed fis-suq:

“1. L-indiċi tad-durabbiltà f'konformità mat-termini u s-sinjali previsti bl-ordni msemmija f'I;

“2. Tabella li fiha d-dettalji tal-elementi li jitqiesu għall-punteġġ tal-indiċi tad-durabbiltà, f'konformità mal-format tal-preżentazzjoni previst bl-ordni msemmija f'I.

“ III.- Meta ma jkunx l-istess persuna bħall-bejjieġ, id-distributur għandu jikkomunika mingħajr ħlas lill-bejjieġ, taħt l-istess kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 1 u 2 ta' II, l-indiċi u t-tabella msemmija f'II, fil-mument tal-elenkar u l-kunsinna tat-tagħmir elettriku u elettroniku.

“ IV.- L-indiċi jista', barra minn hekk, jitwagħhal direttament ma' kull tagħmir jew mal-imballaġġ permezz ta' tikkettar jew immarkar, filwaqt li jiġu osservati s-sinjali preskritti bl-ordni msemmija f'I.

“ “V.- L-informazzjoni msemmija f'II għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod elettroniku u kkomunikata mingħajr ħlas mill-produtturi jew l-importaturi, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, lil kwalunkwe persuna li titlobha għal perjodu ta' mill-inqas sentejn wara li l-aħħar unità ta' mudell ta' tagħmir tkun tqiegħdet fis-suq.

“ Artikolu R. 541-219.-L-awtorità amministrattiva għandha tiżgura aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija f'II tal-Artikolu R. 541-218 taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti hawn taħt.

“ Għal kull kategorija ta' tagħmir, l-indiċi, il-parametri tal-kalkolu li ppermettew li jiġi stabbilit, esklużi dawk relatati mal-prezz tal-ispare parts, kif ukoll l-informazzjoni relatata mal-identifikazzjoni tal-mudelli u l-metodi ta' kalkolu tal-punteġġi għandhom jitqassmu pubblikament mill-portal interdipartimentali uniku msemmi fl-Artikolu R. 321-8 tal-Kodiċi tar-Relazzjonijiet bejn il-Pubbliku u l-Amministrazzjoni.

“ Id-data għandha tiġi trażmessa u ppubblikata taħt ir-responsabbiltà tal-produttur jew l-importatur f'konformità ma' skema tad-data disponibbli fuq dak il-portal. Ordni tal-Ministri responsabbli għall-ambjent u l-ekonomija għandha tispeċifika, fejn meħtieġ, l-arranġamenti tekniċi għall-implimentazzjoni tal-iskema tad-data.

“ Din id-data tista' terġa' tintuża taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II tal-Ktieb III tal-Kodiċi tar-Relazzjonijiet bejn il-Pubbliku u l-Amministrazzjoni u skont it-termini tal-liċenzja miftuħa msemmija fil-punt 1 tal-Artikolu D. 323-2-1 tal-istess kodiċi.

“ Jekk il-kalkolu tal-punteġġ tal-indiċi tad-durabbiltà ta' mudell jiġi aġġornat, din id-data għandha tiġi aġġornata f'perjodu ta' mhux aktar minn xahar.

“ Artioklu R. 541-237.-I.- Meta t-tagħmir jiġi offrut għall-bejgħ fil-ħwienet, il-bejjieġ għandu juri, bil-mod u bis-sinjali previsti mill-ordni msemmija f'I tal-Artikolu R. 541-218, l-indiċi tad-durabbiltà, b'mod viżibbli, li jinqara u faċilment aċċessibbli, fuq kull tagħmir offrut għall-bejgħ jew fil-viċinanza immedjata.

“ II.- Meta t-tagħmir jiġi offrut għall-bejgħ mill-bogħod, il-bejjieġ juri l-indiċi tad-durabbiltà b'mod viżibbli, li jinqara u faċilment aċċessibbli fil-preżentazzjoni tat-tagħmir u fuq il-paġni web kollha fejn huwa offrut ix-xiri tat-tagħmir, qrib l-indikazzjoni tal-prezz tiegħu, bil-mod u s-sinjali previsti mill-ordni msemmija f'I tal-Artiklu R. 541-218.

Dan l-obbligu ma japplikax għall-paġni tas-sommarju tal-ordni u tal-ħlas.

“ III.-Il-bejgiegħ għandu jagħmel disponibbli wkoll lill-konsumaturi t-tabella msemmija fil-punt 2 ta’ II tal-Artiklu R. 541-218, permezz ta’ kwalunkwe proċess xieraq. Meta t-tagħmir jiġi offrut għall-bejgħ fil-ħanut, għandu jkun hemm mezz fuq l-ixkaffa li javża lill-konsumatur bl-eżistenza tat-tabella u tal-possibbiltà li jaċċessaha. Fuq talba tal-klijent, għandha tinħareġ kopja fuq karta jew f’format elettroniku, skont l-għażla tal-klijent. Meta t-tagħmir jiġi offrut għall-bejgħ online, din it-tabella għandha tkun aċċessibbli direttament mill-istess paġni web fejn jintwera l-indiċi tad-durabbiltà.

“ Artikolu R. 541-221.-I.-L-indiċi tad-durabbiltà għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-kriterji u l-parametri li ġejjin:

“1. Punteġġ stabbilit fuq skala minn 0 sa 10 dwar il-kapaċità ta’ tiswija tat-tagħmir, filwaqt li jitqiesu b’mod partikolari l-aċċessibbiltà tad-dokumentazzjoni teknika, il-faċilità taż-żarmar, id-disponibbiltà u l-prezz tal-ispere parts;

“2. Punteġġ stabbilit fuq skala minn 0 sa 10 dwar l-affidabbiltà tat-tagħmir, b’kont meħud, inter alia, tar-reżistenza għall-istress u t-tkagħbir, il-faċilità tal-manutenzjoni u s-servicing, kif ukoll l-eżistenza ta’ garanzija kummerċjali u proċess ta’ kwalità;

“3. Fejn xieraq, punteġġ stabbilit fuq skala minn 0 sa 10 relatat mal-aġġornamenti tas-software u tal-hardware tat-tagħmir;

“ L-indiċi tad-durabbiltà għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-punteġġi msemmija fil-punti 1 u 2, u, fejn xieraq, fil-punt 3. Huwa espress bħala punteġġ globali fuq skala minn 0 sa 10.

“ II.-Għal kull kategorija ta’ tagħmir kopert, ordni mill-Ministri għall-Ambjent u l-Ekonomija għandha tispeċifika l-kriterji u s-subkriterji kollha inklużi l-kriterji speċifiċi għall-kategorija, u l-metodi ta’ kalkolu tal-indiċi.

“ III.-L-Ordni msemmija f’I tal-Artikolu R. 541-218 tista’ tipprevedi li ċerti kriterji jew sottokriterji relatati mal-affidabbiltà tat-tagħmir jistgħu jiġu stabbiliti fuq mudell wieħed għal sett ta’ mudelli li jistgħu jitqiesu ekwivalenti.”

Artikolu 2

Artikolu R. 541-211 tal-Kodiċi Ambjentali huwa sostitwit b’dan li ġej:

“ Artikolu R. 541-211.-Għall-finijiet ta’ din is-sottotaqsima, japplikaw id-definizzjonijiet previsti fil-punti 1 sa 8 tal-Artikolu R. 541-217.”

Artikolu 3

Is-Sottotaqsimiet 2.3 u 4 tat-Taqsima 9 tal-Kapitolu I tat-Titolu IV tal-Ktieb V tal-Parti Regolatorja tal-Kodiċi Ambjentali jsiru s-subtaqsimiet 3, 4 u 5 tal-istess taqsima, rispettivament.

Artikoli D. 541-215 sa D. 541-219 tal-Kodiċi Ambjentali jsiru l-Artikoli D. 541-222 sa D. 541-226 tal-istess Kodiċi, l-Artikoli R. 541-220 sa R. 541-223 tal-Kodiċi Ambjentali rispettivament isiru l-Artikoli R. 541-227 sa R. 541-230 tal-istess kodiċi u l-Artikoli D. 541-225 sa D. 541-232-1 tal-Kodiċi Ambjentali rispettivament isiru l-Artikoli D. 541-231 sa D. 541-239 tal-istess kodiċi.

Fir-regolamenti fis-seħħ, ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli D. 541-215 sa D. 541-232-1 tal-Kodiċi Ambjentali huma emendati skont dan.

Artikolu 4

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali u l-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali huma kull wieħed responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan id-Digriet, li se jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża.

Magħmul fil-5 ta' April 2024.

Gabriel Attal
Mill-Prim Ministru:

Il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali,
Christophe Béchu

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali,
Bruno Le Maire